# ĠRAJJIETNA PERMEZZ TAL-POEŻIJA




F'idejja għandi żewġ kotba li m'hemmx rabta bejniethom imma t-tnejn għandhom ħafna x'jirrakontaw.

Charles Bezzina qed iwassililna bosta ġrajjiet interessanti permezz ta' stil partikolari, il-Ballata.

Charles Flores qed jippreżentalna għażla ta' poeżiji tiegħu bl-Ingliż, bl-isem "Time...and Time Again". Kif jindika s-sotto titolu, din hija għażla ta' poeżiji fuq firxa ta' ħames għexieren. Dan huwa żmien li kif ser nindunaw, Flores qed iwasslilna ħsus tiegħu li iżda xi wħud huma esperjenzi li kollettivament jew ġarrabna jew inġarrbu.

## Mill-Ġrajja għall-Ballata

Dan l-aħħar ktieb ta' Charles Bezzina "Mill-ġrajja għall-Ballata" (2023) ippubblikat bl-għajnuna tad-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex joffri dokumentazzjoni ta' bosta ġrajjiet marbutin mal-gżira Għawdxija. Bezzina, poeta prim jinqeda bil-ballata biex iwassal dawn il-ġrajjiet li persważ li ser ikunu ta' interess għall-qarrejja tagħna.

Il-ħila ta' Bezzina biex iwasslilna dawn il-ġrajjiet hija msawra bl-għażla tajba tal-kelma li għandu dan il-poeta u bil-mod infurmat li jwasslilna dawn il-ġrajjiet.

Se nispjega ftit billi nelenka dwar żewġ kotba biss li Bezzina kien ħareġ riċentament. Fit-2 t'April 2024, dwar il-ktieb ta' Charles Bezzina "Mal-Aħħar Mewġiet", kont ktibt hekk:

"Il-poeżija ta' Charles Bezzina hija waħda insolita fejn il-poeta jħaddem il-vers tradizzjonali bid-dixxiplina fuq l-aċċenti u l-metrika, iżda fl-istess it-tematika hija waħda friska li hu jsejħilha bħal "inbid ġdid". Dan l-istil mhuwiex wieħed komuni f'pajjiżna u nsibuh biss f'poeti li fid-daħla tiegħu l-poeta jagħraf jirrikonoxxi li kienu ta' ispirazzjoni għalih fil-mixja poetika tiegħu. Fost dawn insibu lil Oliver Friggieri u Ġorġ Borg.

Bħal fil-ġabriet preċedenti, l-baħar huwa ispirazzjoni u l-metafora għall-istess nebh li jkollu.

U dan ifissru b'mod tajjeb permezz tal-melħ li jiġi malbaħar li huwa jtiegħem. U anke kif il-

"baħar jiskot" u "jieqaf irraxx itir" jibqa' jħoss, igawdi l-effett tar-raxx tal-baħar (Nilqa' maż-żiffa friska). Dak jibqa'. U jissarraf fi kliem."

Fil-Paġna tat-30 t'Awwissu 2020, fil-ħsieb dwar il-ktieb "Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex" 1940-1943 ta' Frank Bezzina. Edizzjoni Mkabbra minn Charles Bezzina, jiena kont semmejt li waħda mill-elementi importanti mmens f'dan il-ktieb hija li fih insibu sorsi diretti u l-ħajja soċjali f'Għawdex, il-ħajja tan-nies komuni.

Għalfejn għażilt dawn iż-żewġ kotba? Għaliex permezz tagħhom, qed insaħħaħ l-argument li bdejt bih li Charles Bezzina huwa poeta prim permezz tal-pinna tiegħu jista' iwasslilna dawn il-ġrajjiet. Hawnhekk għandna dokumentazzjoni oħra importanti din id-darba permezz tal-ballata.

Fil-ktieb insibu analiżi kritika relattivament twila ta' Dr Patrick Sammut (p.13-23).

Jiena ser inħares lejn dan il-ktieb mil-lat ġurnalistiku, għaliex wara kollox dan huwa ix-xogħol tiegħi anke f'dan il-ġurnal, u nifhem dak li qed iwassal Bezzina mill-kriterji li jikkonstitwixxu ballata, bħala forma ta' poeżija

Indawwar ftit l-isem talktieb "Mill-ġrajja għall-ballata": Permezz tal-ballata l-awtur qed iwassal il-ġrajja. X'inhi l-ballata?

Il-ballata hija "rakkont b'rima stil poetiku; għanja li tirrakkonta storja ħafna drabi t-traġedja u l-oskurità tal-ħajja, blelementi wkoll tal-imħabba. Elementi oħra importanti li nsibu fiha huma l-faxxinu tal-imgħoddi; il-misteru tal-ħajja ħafna drabi - li dawn żgur ser jibqgħu magħna; l-ambjent ippreżentat, imħabba mhux mitmuma; il-ħlewwa tal-qalb, l-għira u l-mibgħeda" (Borg, Joseph, Il-Ballata Dwar Qtil fil-Mosta).

Fost l-awturi klassiċi prominenti li kitbu l-ballata nsibu lil William Shakespeare, John Masefield, Rudyard Kipling (eżempju Barrack Room Ballads), Oscar Wilde (eżempju The Ballad of Reading Gaol), Federico García Lorca (il-famuża Romance de la luna, luna) u ħafna oħrajn. Fix-xena lokali ma nistax ma nsemmix lil Rużar Briffa, li ċert li bosta studenti żgur li wkoll iltaqgħu mal-ballata tiegħu.

Għalkemm il-forma tal-ballata tista tvarja konsiderevolment, x'aktarx li fiha tħaddan dawn l-elementi komuni li fuqhom se nibni ftit dan l-artiklu.

## Narrazzjoni

Tradizzjonalment il-ballata tirrakonta storja li tilħaq il-qofol tagħha lejn it-tmiem tagħha. Dawn il-poeżiji huma dokumentazzjoni ta' ġrajjiet li l-qarrej qajla għandu informazzjoni dwarhom. Grazzi għall-arkivji dawn ma ntilfux, imma l-awtur jaf tajjeb li l-arkivji jridu jitwasslu lill-komunita' wkoll u hawn qed jagħmel dan b'mod ħaj.

F'dan il-ktieb insibu bosta stejjer "rakkontati" bħalma huma "It-tfajla tax-xtajta" (p.34), "Ix-xwejjaħ li nġarr mal-wied (p.51)" u "Il-Ballata ta' Bernardo De Opuo" (p.27) li jitkellmu dwar it-traġedja jew l-għajbien ta' persuni. Dr Patrick Sammut, fid-dawl ta' studju ta' Joseph Bezzina jispjega li "Bernardo De Opuo kien suldat Sqalli li rreżista lit-torok hekk kif daħlu fiċ-Ċittadella, ir-Rabat, Għawdex u bdew jisirqu dak kollu li setgħu mill-knejjes u bini ieħor, filwaqt li jeqirdu l-bqija" (p.14).

## Lingwa

Jekk l-għan ta' kull awtur huwa li jikkomunika, l-awtur tal-ballata jrid iżomm f'moħħu li qed jikkomunika ma' udjenza li mhux neċessarjament tkun waħda mill-qasam akkademiku u lanqas midħla sew tal-letteratura. Għaldaqstant il-ballata x'aktarx tinkludi lingwaġġ li jiftiehem minn kulħadd u l-messaġġ ikun aktar fil-wiċċ. Dan ma jnaqqas xejn missengħa tal-kitba la fir-ritmu u lanqas fil-lingwaġġ figurattiv.

Ngħidu aħna fil-poeżija "It-tfal tal-irdum" (p.39)